MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Numru. 215/2007

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY AZZOPARDI**
**KONTRA**

**BENNY MUSCAT**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Benny Muscat ta’ 45 sena, bin Daniel u Carmen nee’ Moore, mwieled Pieta’ nhar l- 20 ta’ Ottubru 1964, residenti fil- fond 10B Triq Nelson, Bormla u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 523464(M);

U

OMMISSIS

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) Nhar it- 3 ta’ Marzu 2007 ghall- habta tas-7.00pm ikkommettew serq ta’ oggetti tad- deheb u affarjiet ohra minn go residenza privata bin- numru 18, Triq id-Duluri, Zejtun, liema serq huwa kkwalifikat bil- mezz, lok, hin u l- valur li jeccedi l- elf lira sar ghad- dannu tal- ahwa Katerina u Rozina Falzon miz- Zejtun li t- tnejn ghalqu l-eta ta’ sittin sena;

2) Akkuzati ukoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg u cioe’ l- oggetti u l- affarjiet hawn fuq imsemmija, misruqa, mehuda b’ qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’ kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

3) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, u cioe’ fil- bieb ta’ barra tar- residenza imsemmija, liema hsara, li tammonta ghall-aktar minn ghaxar liri izda inqas minn hames mitt lira, saret ghad- dannu tal- ahwa Katerina u Rozina Falzon miz- Zejtun;

Lil Benny Muscat wahdu:

4) talli rrenda ruhu ricediv b’ diversi sentenzi tal-Qorti tal- Magistrati u tal- Appell Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u talli ikkommetta reat waqt il- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill- Qorti tal-Magistrati datata 10 ta’ Mejju 2006;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju avvanzat u matur f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi bl-ammissjoni tal-imputat, il-Qorti m'ghandha ebda triq ohra hlief li ssibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghtih il-piena idoneja. Peress illi l-imputat ammetta meta l-kawza kienet waslet fl-ahhar taghha, wara hafna dewmien min-naha tad-difiza, il-Qorti kienet gia' semghet il-provi kollha f' dan il-kaz, u ma kellha ebda dubju li l-imputat kien hati tar-reat. L-uniku differenza li hemm illum hi li l-imputat fil-mori tal-kawza gie kkundannat permezz ta' sentenza ohra moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta, u allura s-sentenza sospiza msemmija fit-tahrika hekk giet effettiva u dahlet fis-sehh. Ghalhekk it-tieni parti tar-raba' imputazzjoni gia' giet reza effettiva, u ghaldaqstant din il-Qorti ser tastjeni minnha.

Kwantu ghall-piena komplessiva ghal dan ir-reat, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat gfhall-piena ta' sentejn prigunerija effettiva, tenut kont ukoll tal-aggravanti tar-recidiva. Il-Qorti rat ukoll li t-tieni imputazzjoni inghatat bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghaldaqstant sejra tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha, fil-waqt li t-tielet imputazzjoni hija mezz ghall-fini tar-reat tas-serq, u ghalhekk jista' jkun hemm assorbiment tal-piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261(b) (c) (e) (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 279 (b), 280, 281, 334, 325 (1) (c), 49, 50, 289, 28A u 28 H tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------